# Intervista ma' Ċikku Gatt
## *(It-Tielet parti)*

Matthew Bugeja



Fl-aħħar żewġ pubblikazzjonijiet ġew ippubblikati siltiet mill-intervista li jiena kont għamilt mal-ex- sagristan ta' Marsaxlokk, Ċikku Gatt. Din l-intervista kienet saret nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2008 fid-dar fejn Ċikku kien residenti dak iż-żmien, Villa Robinich. F'din il-pubblikazzjoni sejrin nippubblikaw it-tielet u l-aħħar parti ta' din l-intervista ferm interessanti li nispera li ġġedded il-memorji ta' dan il-bniedem li f'ħajtu dejjem ħadem qatigħ għall-ġid ta' Marsaxlokk, speċjalment b'risq il-knisja parrokkjali u l-festa.

Fl-ewwel parti tal-intervista jien u Ċikku tkellimna mhux ftit dwar il-kappella magħrufa ta' San Pietru li tinsab fi Triq iż-Żejtun. Id-diskors beda jdur fuq żmien il-gwerra u dwar il-knisja parrokkjali li Ċikku jiftakar titkabbar għad-daqs li nafuha llum. Fit-tieni parti tal-intervista s-sena l-oħra, id-diskors kien iffukat dwar oġġetti u armar li kellna u li għad għandna jżejjen il-knisja parrokkjali. Tkellimna dwar statwi, pitturi, qniepen. Imma kien għad fadal. Dakinhar li kont qiegħed nintervista lil Ċikku kelli xi noti imniżżlin u ħadt ħsieb li l-affarijiet l-aktar għall-qalb Ċikku nitkellmu fuqhom lejn l-aħħar.

Ħsibt biex naqbad id-diskors fuq il-festa titulari tar-raħal iżda kont naf li hawn konna ser nibdew nitkellmu fuq suġġett vast ħafna. Jien u Ċikku ħarisna f'għajnejn xulxin u lissintlu, "Ċekk allura l-feste jgħajdu li kienet issir f'Mejju ee?" "Deżgewr! Kienet dumet issir hekk tufx" weġibni pront pront filwaqt li wiċċu bħal donnu xegħel. Beda jispjegali kif il-festa oriġinarjament kienet issir nhar il-festa liturġika tal-Madonna ta' Pompei jiġifieri nhar it-8 ta' Mejju. Din kienet it-tradizjoni fost ħafna mill-irħula Maltin u aktar ma l-festi bdew jiġu ċċelebrati fil-jiem tas-sajf biex ikun evitat il-maltemp, il-festa ta' Marsaxlokk bdiet issir fis-sajf ukoll. Il-fatt li l-maġġoranza tar-residenti f'dak iż-żmien kienu sajjieda kompla għen biex id-data meta tiġi ċċelebrata l-festa titulari tinbidel kemm il-darba.

Ċikku kemm il-darba semmieli li l-istatwa tal-Madonna ta' Pompei li għandna f'Marsaxlokk kien sar xi xogħol fuqha u għalhekk erġajt staqsejtu. "J'alla hux Għawdex indurawha" weġibni jiffereri għall-induratura li kienet saret fuq il-vara oriġinali li nġiebet minn Lecce fl-Italja. Malajr malajr Ċikku dawwar id-diskors fuq il-bradella li fuqha titpoġġa l-vara titulari fil-jiem tal-festa. "Dik kunna sa nagħmluha bl-erba' evenġelisti tu…umbagħad ġiet bl-anġli" spjegali waqt li qalli li meta saret din il-bradella kienet tintrefa' għand Peppina ta' Diegu. Dam jipprova jispjegali min kienet din Peppina tafux, però ma stajtx nifhmu. "Insumma hemm kunna nżummuha. U min kien għamile kien għamel oħra tu, imma ma rnexxietlux!" irrakkonta mingħajr ma jiftakar ir-raħal l-ieħor fejn l-artist li għamel il-bradella tagħna għamel bradella oħra. Kompla jispjegali kemm il-ftit Liri li kienu jinġabru mingħand il-poplu fqajjar ta' dak iż-żmien kienu jiswew ħafna. "Dik kienu ġabruha Frenċ u Rużu ta' Ċenes" qalli filwaqt li wara tgħidx kemm dam jipprova jispjegali min kienu dawn it-tnejn.

*Ikompli f'paġna 53…*

Wara ħafna jipprova jispjegali, donnu Ċikku qabżitlu u ried jaqleb is-suġġett. Reġa' ftakar fl-istatwa ta' San Ġużepp li konna diġà tkellimna fuqha. Beda jsemmili kif din l-istatwa kienet tintrama fil-knisja fil-festa ta' San Ġużepp. Ftakart fi tfuliti meta anke jien stess niftakar lil din l-istatwa armata fil-knisja u għalhekk il-kurżità għelbitni u komplejt insaqsih. Spjegali kif Mikiel u Ġużepp (ta' Żarina) kienu jgħinuh biex joħorġuh purċissjoni. "Mele anki purċissjuni kuntu tuħurġuh?" lissintlu. "Eq mele, duk anki l-pedestall tiegħaw hemm tu. Darba in-nies, u anki wieħed mill-fratelli, riedu jagħmluh sekundurja. Mele riedu li jintrama kullox bħall-feste" qalli bi tbissima fuq xoftejh, donnu konxju li l-affarijiet ma kellhomx isiru hekk.

Kompla jidħak waħdu filwaqt li donnu kien ċert li jien kont qed nifhmu. Ħares ftit 'il barra mit-tieqa fejn issa x-xemx kienet diġà niżlet u beda jidlam. Talabni nixgħel id-dawl u hekk għamilt. Poġġejt lura bil-qiegħda u x'ħin ħarist lejh ippreparat biex insaqsih aktar mistoqsijiet lissinli "kont qid tajdli fuq il-knisje, dik kellne l-ħsieb li nagħmluha bil-ġnub ukoll tu. Ummi kienet qaltli sew, il-ftira sħuna tajba!" jirreferi għall-ħsieb li kellhom biex meta kienet qed titkabbar il-knisja jinfetħu wkoll il-ġnub tan-navi.



Bdejt insaqsih malajr malajr fuq l-armar tal-knisja fil-festa u beda billi spjegali li l-kappillan Gatt kien irċieva madwar 20 Lira miż-Żejtun u bihom il-kappillan kien ħa ħsieb jagħmel il-kanapew u l-fjuretti tal-artal maġġur bil-gastri b'kollox. "Rita, kienet weħde minn Burmla, ta' Nikol, kienet ħallset il-belluws tal-mant bil-kuruna u l-anġli b'kullox" irrakkonta filwaqt li spjegali li l-Madre Vinċenza li kienet fil-kunvent tas-sorijiet ta' Marsaxlokk kienet ħietet il-mant hi.

Moħħ Ċikku hawnhekk beda jiġri u jien, konxju mill-fatt li kien sar ftit tal-ħin mhux ħażin ma waqqaftux. "Fi żmien Dun Alfred sur is-selib tal-fratellanza tal-iżurju. Iż-Żejtewn kunna għemilnieh." Staqsejtu fuq is-salib tal-fratellanza l-oħra tas-sagrament u malajr komplieli "u tes-segrement tal-bronz duk, sur it-tarzna u bbanjawh." Kompla billi spjegali kif fi żmien Dun Alfred Xuereb kien ħa ħsieb jagħmel l-istandardi tal-fratellanzi u skond Ċikku kienet ħallsitu ċertu Peppa minn tax-Xafri. "Dawk minalijje kienu ħallsu l-altur ukoll..." qalli waqt li kompla jaħseb.

"Hemm Sant'Untnin. Duk Mary is-seftura tal-kappillun Gatt kienet ħallsitu" qalli jiffereri għall-istatwa ta' Sant' Antnin li hemm fin-niċċa żgħira fl-aħħar tal-korsija tal-knisja. Fuq l-istatwa ta' Santa Rita n-naħa l-oħra ma seta' jiftakar xejn però xorta kellu xi jżid, " hemmhekk qebel kien hemm il-funti, imma umbagħad mexxejnieh."

Qaleb id-diskors malajr u beda jirrankonta dwar il-purtieri tal-festa li jintramaw fuq il-bibien. "Tal-ġnub jien kont għamiltom fi żmien Dun Alfred." Kompla jgħidli li s-sopraporta tal-bieb il-kbir kienet inħadmet fuq dik ta' Ħal Lija u kienet inħadmet fi żmien Dun Lawrenz filwaqt li dawk tal-bibien tal-ġnub kienu saru fi żmien Dun Alfred Xuereb.

Fis-siegħa u l-ħin telgħet l-infermiera ħdejna u staqsietna "għadkom hawn Frans?" "Iwa qegħdin ngħajdu fuq il-feste" weġibha pront pront waqt li hi ħallietna nkomplu d-diskursata tagħna. "U t-tużell Ċekk?" staqsejtu mingħajr il-bżonn li nkompli aktar. "Id-damask tiegħaw in-nise Xlukkajri ħitewh. Musu Berbex ifasslilhom u huma jħitu", irrakkonta filwaqt li assigurani li dak kien sar fi żmien il-kappillan Gatt.

*Ikompli f'paġna 54...*

Hawn Ċikku reġa' ftakar fil-ġuħ ta' dak iż-żmien u fil-konvoj ta' Santa Marija. Ħares lejja u bi kliemu donnu ried juruni kemm in-nies ta' dak iż-żmien kellhom għal qalbhom il-knisja għax għal dawk id-diffikultajiet kollha li kienu jaffaċjaw kuljum, id-donazzjonijiet qatt ma qatgħu.

"Heq ent ħu mill-lempier" qalli filwaqt li għolla rasu 'l fuq u ħares f'għajnejja. Kont naf li għal Ċikku l-lampier kien, għadu u jibqa' f'qalbu għal dejjem. Probabbilment hu l-aktar opra tal-arti li hu kburi biha u għalhekk mill-bidu nett xtaqt li dan is-suġġett nitkellmu fuqu lejn l-aħħar tad-diskursata tagħna. "Il-Dun Tarċis 600 Lire kunt tajtu" filwaqt li kompla jirrakontali kemm il-darba xtaq jagħmel din l-opra tal-arti iżda wara li kien jiġbor il-flus kienu jgħidulu li hemm bżonn xi ħaġa oħra. " Imma umbagħad fl-aħħar għamiltu tu. Kont ili ħefne" qalli ħosbien. Id-disinn tal-lampier hu ta' Dun Ġwann Palmier. "B'xi żewġ lampukiet kunna nħallsuh lil Dun Gwann. Għadtlek diġu ee?" kompla. Reġa' ħares 'il fuq u bħal donnu kburi lissinli "Duk hemm ismi miktub fuqu. Qiegħad bil-Latin." Mejjel rasu u bħal donnu ċċassat lejn idejh qal, "xhin rajtu hemm fuq imdendel, duk il-ħin ħerest lejn id-deħke tal-vura u għadtilhe "Madunna tal-iżurju issa tista tuħudni għax xewqti qtajtieli." Dak il-ħin jien bħal donni infxilt u ma kontx naf x'ser naqbad ngħidlu. Għajnejh dak il-ħin rajthom mimlijin bid-dmugħ u stajt nifhem kemm il-lampier hu għal qalb Ċikku. Mingħajr ma għidtlu, f'qalbi dak il-ħin irringrazzjajtu tal-wirt li ħalla lill-poplu Xlukkajr kollu.





Ma nafx kif bqajna nitkellmu fuq Dun Ġwann Palmier u Ċikku irrimarkali li Dun Ġwann iddisinja wkoll it-trieħi tar-rakkmu li tant aħna kburin bihom. "Kienu swew 120 Lire 'l weħde" spjegali filwaqt li kompla jgħidli li l-istess trieħi kienu ħadmuhom is-sorijiet ta' Ġesu` Nazzarenu taż-Żejtun u kienu saru fi żmien Dun Pantaleone. Hawn Ċikku reġa' ftakar għal darb'oħra fil-ġenerożità li dejjem urewh ix-Xlukkajri u reġa' beda jfaħħarhom għax dejjem tawh id-donazzjonijiet għal dak li talabhom.



Fil-pront ċempluli sħabi biex jinfurmawni li kienu ġew lura għalija. Lanqas kont irrealizzajt kemm sar ħin u li kien diġà dalam. Għidtilhom li dalwaqt inkunu lesti u biex jitilgħu sa ħdejna ħalli jkellmu ftit lil Ċikku. Sadanittant Ċikku induna li qiegħed inkellem lil sħabi tal-kumitat u malajr għajtilhom "broxk tal-kajju!"

Dort lejn Ċikku u għidtlu "neħseb duk kullox ee Ċekk?" Weġibni u qalli "heq hekk hew. Heq kien hemm pavaljun kbir max-xatt u kellne l-kanulli" jirreferi għall-armar ta' barra li llum il-ġurnata intilef. "Heq u li t-tmienje ta' Mejju minn dejjem sur ee barra fuq iz-zuntier, u haw anke bil-bredelle b'kullox ġieli armajnieha fit-tmienja ta' Mejju."

Fis-siegħa u l-ħin tfaċċaw sħabi minn ġot-taraġ jgħajtulu "broxk tal-kajju!" Hawn beda jitbissem filwaqt li jweġibhom lura. Bdiet id-diskursata tas-soltu mimlija ċajt bejnietna kollha filwaqt li jiena bdejt nerfa' kollox. Wara xi għaxar minuti ħsibna biex immorru għax il-ħin kien sar u jien bdejt ninkwieta li Ċikku ried jorqod. "Kif ħa naqbad nirringrazzjuk Ċekk?" "Heq xi trid tirringrazzjuni ħija? Issa jien hawn u mite tridu ejjew s'haw ngħidu kilme. U ħudu ħsieb intom issa, mhux intom hemm issa?"

Assigurajnieh li ma ndumux ma nerġgħu narawh, probabbilment fil-festa għax għamilhielna ċara li hu ried li jinżel. Hekk kien ġara infatti u ma' Ċikku ltqajna kemm -il darba. Dejjem bid-daħka ħelwa tiegħu fuq wiċċu u jiċċajta magħna.

Nittama li din l-intervista kienet ta' interess għalikom u nispera li dawn il-kelmiet jibqgħu miktuba fl-istorja tar-raħal għas-snin. Dan għaliex l-informazzjoni li tana Ċikku f'din l-intervista ftit issibha miktuba. Fl-aħħarnett, anke issa li Ċikku m'għadux magħna, f'ismi u f'isem il-poplu kollu ta' Marsaxlokk nirringrazzjah tax-xogħol kollu tiegħu b'risq ir-raħal għażiż tagħna u tiegħu. Ċikk ser tibqa' mnaqqax fl-istorja ta' Marsaxlokk u f'qalb dawk kollha li għandhom għal qalbhom ir-raħal għażiż tagħna.

